MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Numru. 128/2001

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
SPETTUR JEFFREY AZZOPARDI
VS
NOEL FRENDO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Noel Frendo ta’ 25 sena bin Dominic u Mary nee Catania imwieled Pieta fil-11 ta’ Dicembru 1975 u li joqghod 362, Triq il-Kbira, Mosta detentur tal-karta tal-identita bin-numru 63276M talli f’xi hin matul il-lejl ta’ bejn it-28 u d-29 ta’ Novembru 1999 ikkommetta serq ta’ diversi cameras, compact discs u accessorji ohra mill-fond bl-isem Cauchi’s sitwat fi Pjazza Rotunda, Mosta ghad-dannu ta’ John Cauchi mill-Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1000), u bil-hin.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, u cioe fuq il-bieb principali tal-istess fond liema hsara tammonta ghal ized minn hamsin lira maltin (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500).

Talli sar ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali that liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Gunju 2002 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni b’mod specjali ghal dak li jirrizulta mill-istqarrija, l-imputat jsostni (a fol 6 dok CM) illi fil-lejl in kwistjoni huwa kien fil-Mosta Bar ghand Salvu ma huh iz-zghir Robert u erba anzjani.

Mistoqsi qattx dahal ghand Cauchi jsostni li dahal xi tletin darba pero dejjem biex jixtri il-gazzetti. Nnega li kien ghadu dilettant tal-kacca jew ta’ xi cameras tar-ritratti, trombi jew CD’s.

Mistoqsi jekk halliex xi kaxxa tal-kartun warajh, l-imputat ghazel li ma jirrispondix. Nnega li wettaq s-serqa f’Cauchi’s jew li kien responsabbli ghal serqa mill-istess hanut sena qabel.

John Cauchi (fol 42-46) xehed illi f’data, lok u hin citat sehhet serqa f’Cauchi Emporium Mosta li fiha kienu gew misruqa ma Lm500 f’oggetti.

John Cauchi xehed fuq il-manjiera li biha jaghlqu il-hanut, kif il-lift jibqa imsakkar wara 7pm u u tibqa miftuha biss il-cafeteria. Dwar ic-cwievet tal-istationery f'Cauchi xehed illi huwa u zewg hutu ghadhom c-cwievet u li gieli taw ic-cwievet lill-lavranti biex joperaw l-lift ghal basement. Sostna  illi cwievet qatt ma intilfu. Kkonferma il-lista tal-oggetti nieqsa li jinstabu a fol 27 tal-process verbal li jinsab anness fl-atti a fol 51 fejn l-ammont misruq kien valutat ghal Lm5000.

A fol 47 Spettur Pio Pisani kkonferma is-sentenza Dok CMZ  a fol 37 u 28 u identifika lill-imputat.

Perit Richard Aquilina kkonferma ir-relazzjoni.

Mix-xhieda ta' Stephen Cauchi (ara fol 55) jirrizulta ili kien huwa illi kien l-ewwel fuq il-post wara is-serqa, u sab il-bieb miftuh u taqlib shih. Ghaldaqstant kien mar l-ghassa tal-pulizija jirraporta u issejhet inkjesta. Kkonferma l-lista tal-oggetti misruqa a fol 27 tal-process verbal u kkonferma ix-xhieda tieghu fl-inkjesta.

Josef Attard (fol 58) xhed illi huwa jahdem f'Cauchi's Mosta bhala salesman. Attard ikkonferma li kienet sehhet serqa fil-post u li dakinhar kien sab it-tlett ahwa, sidien tal-post. Kkonferma ix-xhieda tieghu moghtija fl-inkjesta.

Bl-istess mod Janet Mifsud a fol 60 u 61, impjegata ma Cauchi's, xhedet illi dak inhar tal-incident kienet giet infurmata mill-pulizija b'serq u kkonfermat t-testimonjanza moghtija fl-inkjesta

Dr Yana Micallef Stafrace ppresentat ir-relazzjoni taghha pero jirrizulta illi William Cassar Torreggiani ma kellu ebda inkartament fil-pussess tieghu.

Joseph Bongailas a fol 112 kkonferma ir-relazzjoni tieghu fejn a fol 91 u 92 l-espert Bongailas, illi wara li elimina impronti digitali neqsin min karatteristici bizzejjed ghal-komparazzjoni, sab illi:

a) dok 99CLF307 jaqbel mal-marka tas-seba tac-curkett tal-id il-leminija tal-imputat.
b) Illi l-impronti fuq dok 99CLF320 jaqblu mas-saba tan-nofs u s-saba tac-curkett tal-id il-leminija tal-imputat.
c) Illi l-impronti fuq dok 99CLF324 jaqblu mal-marka tas-seba tac-curkett ta’ id ix-xellugija tal-imputat.

PS453 a fol 107 kkonferma ir-relazzjoni tieghu esebita fl-inkjesta.

Illi fid-29 ta’ Novembru 2002 l-imputat ddikjara illi mhux ser jixhed.

Ikkunsidrat:-

Ili fil-qosor id-difiza tirribatti illi l-prosekuzzjoni naqset milli ggib il-provi skond il-ligi tal-valur tar-res furtiva li d-derubat jitkellem fuq valur ta’ Lm500 inkluz 15% VAT u li f’mankanza ta’ valur, wiehed mill-elementi ta’ serq ma jkunx pprovat skond il-ligi.

Illi in oltre ma gietx esebita ebda stima ta’ hsarat sofferti u ghalhekk l-anqas din l-akkuza ma giet pprovata.

Illi ghal rigward tal-impronti digitali d-difiza tilmenta li l-ezami kollu huwa wiehed li jqajjem hafna suspetti ghal mod kif gie dedott.

Ilmentat li la ezami ghal impronti digitali u l-anqas ezami ta’ serologija ma saru fuq cigarette butts misjuba fuq ix-xena tad-delitt.

Illi d-difiza in oltre issostni illi mhux desiderabbli ghas-sistema legali penali taghna li tinstab htija biss fuq prova cirkostanzjali minghajr ma dik il-prova tkun korroborata bi prova ohra.

Id-difiza kompliet ssostni illi minkejja in-nebolozita dwar il-finger prints, din il-Qorti ma tistghax tinjora il-fatt li l-post mnejn sar is-serqa huwa post pubbliku – post li fih gieli acceda l-imputat.

Ikkunsidrat:-

Illi ghal rigward dak sollevat dwar il-valur tal-ogetti misruqa jrid jinghand li John Cauchi a fol 43 tal-Process Verbal tkellem fuq Lm5000 in oltre din il-Qorti hi tal-fehma min Dok SC, u cioe ir-relazzjoni tal-Perit Aquilina gie stabbilit car u tond illi l-valur tal-oggetti misruqa kien ta' Lm3096.60.

Illi skond il-Qorti ta' Appell Kriminali tat-23 ta' Novembru 1998 f'kaz Pulizija v Carmel Attard gie ritenut:-
"Illi l-valur u ammont ta' flus misruqa gie stabbilit mill-espert tekniku nominat fl-inkjesta Magisterjali kkonfermati bil-gurament mid-derubat. Din hija prova bizzejjed u ma tirrikjediex korroborazzjoni."

Illi ghaldaqstant din il-Qorti tifhem illi l-valur tal-oggetti misruqa f'dan il-kaz huwa provat skond il-ligi u jammonta ghal Lm3096.60c.

Illi ghar-rigward tal-hsarat, il-Qorti tikkondividi mad-difiza illi l-prosekuzzjoni ma resqitx stima tal-quantum ta' hsarat sofferti.

Illi ghar-rigward tal-impronti digitali li f'dan il-kaz ghandu rwol tant centrali, gie ritenut is-segwenti fil-kawza "Pulizija vs Anthony Abela datata 28 ta' Mejju 1998:
"fejn ghandek post pubbliku bhal hanut, knisja, cinema, hwienet tax-xorb, diskoteki, fejn dawk ta' kuljum jigu frekwentati minn mijiet ta' nies, certament ma jistghax jinghad li legalment is-sejba ta' marka ta' swaba ta' xi hadd f'dawn il-postijiet hija sufficjenti biex ssib htija fuq sid dik il-marka rispettivament minn min effettivament hi dik il-persuna……. Fil-kaz ta' postijiet pubblici din il-prova tinnecessita korroborazzjoni."

Illi dan ir-ragunament huwa ghaqli, kawt u ta' minn jserrah fuqu.

Izda l-kaz in ezami, non si tratta ta' a sole or random fingerprint. Hawn si tratta ta' hames marki ta' swaba differenti tal-imputat fuq oggetti differenti tal-hanut

Cauchi's liema oggetti gew misjuba f'kaxxa li l-halliel <u>halla warajh</u> vicin tal-bieb ta' barra ghal raguni mhux mgharrfa. Illi l-espert indipendenti Bongailas sab imqabbla mhux seba wiehed izda zewg iswaba ta' id leminija tal-imputat fuq l-**oggetti misruqa** (skond it-teorija tal-contractatio gia la darba spustjati minn posthom).

Mhux hekk biss izda l-espert Bongailas sab imqabbla, marka ta' swaba ta' seba ta' id il-leminija wkoll. Kull sejba ta' impronta digitali imqabbla hija innifisha korroborazzjoni meta s-sejba ma tkunx sempliciment fuq oggett f'post pubbliku izda fuq oggetti spustjati u appartati mill-halliel li thallew wara bi zvista.

Illi in oltre l-imputat fl-istqarrija tieghu innega kull interess fid-diversi oggetti msemmija mill-pulizija li kienu fil-hanut u baqa jsostni illi hu kien jidhol fil-hanut biex jixtri il-gazzetti biss.

Illi apparti dana kollu il-Qorti rat u ezaminat l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz "Pulizija vs Carmel Attard" tat-23 t' Novembru 1998 kif wkoll dak li gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "John Saliba vs Avukat Generali" u ma tarax illi hemm ghaliex ticcensura l-agir tal-Pulizija fir-rigward tat-tehid tal-fingerprints. Dana il-ghaliex dawn ittiehdu bi procedura normali minn ufficjali ta' xena tad-delitt u l-ezami komparattiv sar minn espert indipendenti mahtur, u cioe Joseph Bongailas.

Illi l-fatt li setghu saru xi ezamijiet ulterjuri mhiex haga li tista tissindika din il-Qorti. Il-prosekuzzjoni dehrilha li kellha provi bizzejjed u resqet tali provi.

Il-mistier ta' din il-Qorti huwa li tgharbel dawk il-provi sabiex tevalwa jekk dawn jwasslux bla dubbju dettat mir-raguni ghal htija o meno tal-imputat.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi t-tlett marki tas-swaba li jinvolvu kemm l-id il-leminija kif wkoll dik xellugija tal-imputat fuq oggetti misruqa u imhollija f'kaxxa appartata, maghquda mal-fatt stabbilit fl-istqarrija tal-imputat fejn ddikjara nuqqas ta' interess totali f'tali oggetti kull meta mar fil-

hanut de quo, jiskattaw dik il-korroborazzjoni mitlub fis-sentenza “Pulizija vs Anthony Abela” deciza fit-28 ta’ Mejju 1998.

Illi ghal dawn il-motivi il-qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza u tilliberah, hati tat-tielet akkuza u wara li rat Art 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b)m 280, 281, 17(b)(l), 289, 49, 50, 31, 20, 22, 23 tal-kap 9 u tikkundannah ghal sentejn prigunerija.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin li l-imputat jaghmel programm ta’ riabilitazzjoni kontra id-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------